

## Il-Memorandum tal-Eurojust tal-2020 dwar l-Evidenza mill-Kamp tal-Battalja

Data: Settembru 2020

URL: <https://europa.eu/!QY46cM>

### Sommarju eżekuttiv

*Il-Memorandum tal-Eurojust tal-2020 dwar l-Evidenza mill-Kamp tal-Battalja* jirrapporta dwar il-possibiltajiet u l-esperjenzi attwali tal-użu ta' evidenza mill-kamp tal-battalja fi proċeduri kriminali fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi li mhumiex tal-UE. Dan ir-rapport ġie prodott wara rakkomandazzjoni mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu biex tiġi aġġornata l-ewwel edizzjoni tal-*Memorandum tal-Eurojust dwar l-Evidenza mill-Kamp tal-Battalja*, li ġiet ippubblikata f'Ġunju 2018. Dawn ir-rapporti huma parti mill-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jinkludu l-aċċess għal informazzjoni mill-kamp tal-battalja u l-użu tagħha f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet.

Ir-rapport huwa bbażat fuq tweġibiet għal kwestjonarju mibgħut lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali. Dan jistabbilixxi l-qafas legali applikabbli u jagħti ħarsa ġenerali lejn kif tinkiseb informazzjoni mill-kamp tal-battalja mill-forzi militari u atturi oħrajn. L-esperjenzi tal-awtoritajiet nazzjonali fl-użu ta' informazzjoni mill-kamp ta' battalja bħala evidenza jiġu eżaminati, kif jiġri għall-kategoriji tal-evidenza mill-kamp tal-battalja msemmija mir-rispondenti. Filwaqt li l-*Memorandum tal-Eurojust tal-2018 dwar l-Evidenza mill-Kamp tal-Battalja* rrapporta esperjenzi limitati fl-użu ta' evidenza mill-kamp tal-battalja, ir-rapport tal-2020 juri li, matul l-aħħar ftit snin, diversi pajjiżi użaw tali evidenza fil-proċeduri kriminali tagħhom kontra ġellieda terroristi barranin u kontra persuni oħrajn issuspettati b'reati kriminali matul kunflitti armati. Ir-rapport jindirizza wkoll l-isfidi identifikati u l-modi biex dawn jingħelbu, kif ukoll miżuri biex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni.

Fost ir-rimarki ta' konklużjoni hemm espressjoni tal-impenn kontinwu tal-Eurojust f'dan il-qasam. L-Eurojust se tkompli tiffaċilita l-iskambji ta' esperjenzi nazzjonali f'każijiet ta' terroriżmu u ta' reati internazzjonali ewlenin u hija impenjata għal kollaborazzjoni kontinwa mal-Europol dwar dawn is-suġġetti. L-Eurojust se tfittex ukoll li tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar informazzjoni mill-kamp tal-battalja fi sforz konġunt biex issaħħaħ l-użu ta' tali informazzjoni bħala evidenza fi proċeduri kriminali.